

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kunsill kien wettaq fir-rigward tal-implikazzjoni tar-rikorrenti fil-finanzjament tar-reġim Sirjan.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-miżuri kkontestati jirstringu b'mod inġustifikat u sproporzjonat id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u b'mod partikolari d-drittijiet tagħha għal proprjetà, previsti mill-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll addizzjonali tal-KEDB u l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dritt tagħha għar-rispett tar-reputazzjoni tagħha previst mill-Artikoli 8 u 10(2) tal-KEDB.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tal-linji gwida tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2005 dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea (dokument tal-Kunsill 15114/05 tat-2 ta' Diċembru 2005).

---

### **Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2016 – Bena Properties vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-412/16)**

(2016/C 364/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Bena Properties Co. SA (Damas, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors tar-rikorrenti ammissibbli u fondat
- konsegwentement, tannulla d-Deċiżjoni (PEŠK) 2016/850, tas-27 ta' Mejju 2016, u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-411/16, *Syriatel Mobile Telecom vs Il-Kunsill*.

---

### **Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2016 – Cham vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-413/16)**

(2016/C 364/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Cham Holding (Damas, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea